MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2008

Numru 147/2008

Louis Spiteri
vs
Malta Freeport Terminals Limited

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors ta' Louis Spiteri li bih ecepixxa:

1. Illi r-rikorrenti huwa *registered port-worker* u fid-19 ta' Awissu 2004 kien qed jahdem b'inkarigu tas-socjeta` intimata fil-Freeport Terminal 1, Kalafrana abbord il-vapur M.V. "TAMA".

2. Illi waqt li r-rikorrent kien ghaddej minn passagg ta' l-istiva ta' l-imsemmi vapur, li kien fi stat immermer bis-sadid u kien mizbugh fuq is-sadid b'kollox, tant li llum dan il-vapur gie skrappjat, sfrondat parti mill-istess passagg b'konsegwenza li r-rikorrent waqa' u sofra korriment serju u dizabilita` permanenti fuq il-persuna

tieghu, skond ma jirrizulta mic-certifikat mediku rilaxxjat minn Dr. Anthony Zrinzo li gie anness mar-rikors u immarkat bhala Dokument LS1, u mir-rapport ta' korriment immarkat bhala Dokument LS2.

3. Illi s-socjeta` intimata hi responsabbli ghal dan il-korriment u d-danni konsegwenzjali peress li ma ipprovdietx *'a safe system of work'*.

4. Illi s-socjeta` intimata giet interpellata biex tersaq ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni kollha li sofra r-rikorrent f'dan l-incident izda baqghet inadempjenti.

Ir-rikorrent talab lill-Qorti:

1. Tiddikjara li s-socjeta` intimata hi responsabbli ghall-incident li fih safa korrut ir-rikorrent fid-19 ta' Awissu 2004 fil-Freeport Terminal 1, Kalafrana abbord il-vapur M.V. "TAMA".
2. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrent minhabba dan l-incident u l-korriment konsegwenzjali, u dana okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi.
3. Tikkundanna lis-socjeta` intimata biex thallas lir-rikorrent id-danni kollha hekk likwidati.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-30 ta' Marzu 2006 kontra s-socjeta` intimata li giet ingunta ghas-subizjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrent.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidrat

Jirrizulta li r-rikors guramentat gie debitament notifikat kif jirrizulta a fol 15 u 17 tal-process.

**B. PROVI:**
Rat id-dikjarazzjoni guramentata tar-rikorrent.

Rat ic-certifikat dokument LS1 a fol 3 ta' Dr. Anthony Zrinzo, *consultant neurological surgeon* li fih ikkonkluda: "now that nearly one and a half years have elapsed since the accident sustained on August 27th 2004 it is not likely for Mr. Spiteri's symptoms pertaining to his back to improve any further.

As a result of the injury sustained on August 27th 2004 Mr. Spiteri is suffering from a permanent deficit of ten per cent (10%)".

Xehed Stanley Castillo li semma li saritlu referenza ghal Dok SC1 li gie pprezentat fil-process u inhareg datata 1 ta' Marzu 2005. Qal li l-attur kien wegga' l-Freeport fid-19 ta' Awissu 2004 u dahal lura ghax-xoghol fis-17 ta' Jannar 2005. Qal li bhala *port worker*, il-procedura li min ovvjament ma jkunx jista' jidhol ix-xoghol minn dawn il-*port workers*, jiehu x-xoghol tieghu *port worker* iehor. Qal jigifieri kieku hu ma weggax u ma kienx assenti mix-xoghol matul dan il-perjodu taz-zmien, kien jaqla' daqs kemm kien qala' siehbu. Qal li dan mhux ipotetiku imma fattwali. Fid-dokument li gie esebit hemm id-dettalji kollha, kemm qala' siehbu fil-fatt u l-ammont huwa ghal LM9145 filwaqt li s-Sur Spiteri qala' Lm2395. Jigifieri s-Sur Spiteri tilef LM6750 mal-paga.

Xehed Philip Farrugia fejn qal li hu *registered Port worker*. Dak inhar li gara l-incident ta' Spiteri, kienu lkoll flimkien meta f'Awissu 2004 kien ghajjtilhom l-*clerk* u qalilhom biex jitla' wiehed minnhom fuq il-vapur u dan biex jaghmel dak li huma isejjhulhom *4 cones* fuq *container*. Qal li kien tela' Louis Spiteri. Qal ukoll li huwa kien tela' go *sladder*, speci ta' *crane* u fil-fatt permezz ta' dan tela' fuq il-*container*. Fil-fatt Spiteri kien iddahhal go l-istiva tal-vapur u l-*container* kien go l-stiva. Hu ma kienx tela' imma imbghad kien hemm il-*clerk* u beda jghajjat li fil-fatt Spiteri kien wegga' u marru jigru. Hu ra lil Louis Spiteri ma' l-art, siequ imdahhla go toqba. It-toqba kienet parti mill-art li

kienet fil-fatt mizbugha sabiha izda minn taht kollha sadid. Dan ifisser li l-art kienet immermra bil-hadid. B'idu beda jigbed il-pjanci, tant kien immermer biex jaqilghulu saqajh lil Luois. Fil-fatt dak inhar kienu nezlin is-*security* u qalulhom biex ma jirfsux fin-nofs ghaliex kien kollu mmermer u kienu marru hadu xi ritratti wkoll fuq il-post. Ikkonferma li fil-fatt dan kien kollu mmermer u fil-fatt llum huwa skrappjat.

Xehed Louis Spiteri fejn qal li hu *registered port worker*. Fid-19 ta' Awissu 2004 kien qed jahdem b'inkarigu tas-socjeta' Malta Freeport Terminals fil-Freeport Terminal 1 f'Kalafrana abbord il-vapur MV Tana. Dak inhar l-istruzzjonijiet li nghatawlu mill-Malta Freeport dwar ix-xoghol li kellu jaghmel kienu li kellu jitla' abbord il-vapur fuq imsemmi u l-*clerk* tal-Freeport li kien qed iqassam ix-xoghol qallu li kellu jpoggi 4 *cones* fuq il-*container* li kien hemm abbord dan il-vapur. Sjega li *cone* huwa kappa tal-hadid li titqieghed fuq kull katuniera tal-wicc tas-saqaf tal-container sabiex il-*container* li jkun imiss li jigi stivat fuqu jitpogga ezatt fuq dawn il-*cones* u ghal hekk jigi impoggi sew. Hu qatt ma kien tela' fuq dan il-vapur qabel. Kien gie elevat permezz ta' speci ta' *crane* ghal fuq il-vapur imma dan il-*crane* nizzlu bl-istiva u gie imnizzel ezatt fuq il-wicc tal-*container*. Abbord il-vapur kien hemm *clerk* iehor tal-Freeport jissorvelja x-xoghol u hu kien ghajjatlu u qallu li ma kienx hemm *cones* fl-istiva. Il-*clerk* li kien barra l-istiva u ghalhekk kien bejn 6 u 7 sulari 'l fuq minnu qallu biex ifittex u jara isibx xi *cones* fil-kaxxi li kien hemm fil-passagg tal-vapur. Beda jfittex il-*cones* fil-passagg kif tah l-istruzzjonijiet il-*clerk*. Il-*clerk* kien qallu jiccekkja xorta fit-tieni kaxxa u hu hekk ghamel. X'hin kien madwar 50 pied boghod mill-kaxxa, miexi lejha f'daqqa wahda l-art tal-passagg cediet u sfrundat u siequ x-xellugija giet fit-toqba li zviluppat fl-art wara li din cediet. Siequ l-leminija giet fil-vojt ukoll peress li ezatt fejn cediet l-art kien hemm sellum u siequ l-leminija giet fil-vojt tieghu. U ghal hekk hu spicca waqa' u gie jistrieh fuq il-parti privata tieghu fuq parti mill-art li ma cedietx kollha ghax kieku kien iwegga' iktar. Dak il-hin marru diversi nies biex jaghtuh l-ghajnuna u fost l-ohrajn mar fuq il-post Sandro Giglio li hu *shift leader* tal-Malta Freeport. Jiftakar li l-art tal-vapur kienet

mizbugha griza u iz-zebgha kienet tidher li ghadha friska u ghalhekk kienet nghatat iz-zebgha fuq is-sadid u hu ma setax jara li l-art kienet imsadda u immermra qabel ghadda minn fuqha. Ikkonferma wkoll li hadd mill-ufficjali tal-Freeport ma jaghmel spezzjoni fuq il-vapuri biex jaraw jekk humiex *safe* qabel jibghatuhom jahdmu fuqhom. Il-Freeport jaqbad u jordnalhom fejn ikollhom jaghmlu x-xoghol u huma jkollhom imorru jaghmluh. Annetta r-rapport Dok NI li tela' wara dan il-kaz. Zied ukoll li ftit tax-xhur ilu dan il-vapur gie skrappjat minhabba li kien fi stat immermer u ma ghadux iktar fis-servizz. Konsegwenza ta' l-incident fuq imsemmi, hu sofra korriment serju inkluz dizabilita` permanenti fuq il-persuna tieghu u c-certifikat mediku li gie rilaxxjat lilu minn Dr Anthony Zrinzo gie anness mar-rikors guramentat u mmarkat bhala Dok LS5 u jindika dizabilita ta' 10%. Hu dam zmien konsiderevoli li fih ma setax jidhol ghax-xoghol minhabba l-korriment li sofra u konsegwenza ta' l-incident li sofra u bhala rizultat ta' dan tilef is-somma ta' Lm 6750 bhala introitu skond ma jirrizulta mill-ittra datata 1 ta' Marzu 2005 li giet annessa u mmarkat bhala Dok SC1. Annetta wkoll *statement of earnings* tieghu ghas-sena 2003 li giet annessa u mmarkata bhala Dok SE1, f'liema sena hu kien qala' s-somma ta' €51,234.65. Annetta wkoll *statement of earnings* tieghu ghas-sena 2004 li gie immarkat bhala Dok SC2, f'liema sena hu kien qala' s-somma ta' €44,218.49. Zied li fis-sena 2005 hu kellu introjtu ta' €46,400.38 skond ma jirrizulta minn dan l-*istatment of earnings* ghal din is-sena li gie anness u immarkat bhala Dok SC3. Fid-data ta' l-incident hu kellu 43 sena billi twieled fit-23 ta' Mejju 1961.

Rat in-nota ta' Louis Spiteri prezentata fil-11 ta' Lulju, 2008 li permezz taghha, ai termini tal-verbal tas-seduta tal-10 ta' Lulju 2008, prezenta prospett tad-danni minnu pretizi:
"*Damnun emergens*

**€ 15,723.27** (LM6,750) konsistenti f'*loss of earnings* sakemm l-attur irritorna ghax-xoghol skond ma jirrizulta mid-deposizzjoni tal-attur Stanley Castillo fis-seduta tat-8 ta' Lulju 2008 quddiem l-Assistenta Gudizzjarja, u d-

Dokument SC 1 li xehed dwaru l-istess xhud Stanley Castillo.

*Lucrum cessans*

Qliegh ghas-sena 2003 - € 51,234.56 [LM 21,995] skond Dok SE 1 esebit fis-seduta tat-8 ta' Lulju 2008 quddiem l-Assistenta Gudizzjarja.
Dizabilita` - 10% skond certifikat mediku Dokument LS 1 anness mar-rikors guramentat u esebit mill-gdid fis-seduta tat-8 ta' Lulju 2008 quddiem l-Assistenta Gudizzjarja, u konfermat bil-gurament, li gie markat bhala Dokument AZ 1.
Multiplier – 18 (l-attur twieled fit-23 ta' Mejju 1961) – [vide deposizzjoni tieghu fis-seduta tat-8 ta' Lulju 2008]

Ghaldaqstant € 51,234.56 * 10% * 18 = **€ 92,222.22** [Lm 39,590.99] naqqas provvediment ghal *lump sum payment* jekk ikun il-kaz."

Fis-seduta ta' l-10 ta' Lulju 2008 Dr. Robert Abela ghar-rikorrent informa lill-Qorti li l-vapur gie skrappjat fl-Indja.

**C. KUNSIDERAZZJONIJIET:**
***C1. Fatti tal-kaz - Responsabbilta` ghall-incident***
Irrizulta li fid-19 ta' Awissu 2004 waqt li r-rikorrent li huwa *registered port worker* kien inkarigat jahdem mis-socjeta` intimata abbord tal-vapur MV TAMA, ghadda minn fuq bicca tal-vapur li cediet bih u korra serjament. Irrizulta li s-socjeta` intimata kienet kontumaci. Irrizulta wkoll li hadd mill-ufficjali tal-Freeport ma jaghmel spezzjoni fuq il-vapuri biex jaraw jekk dawn hux *safe* biex isir xoghol fuqhom izda jigu moghtija ordnijiet biex jezegwixxu x-xoghol. Gie esebit id-dokument NI a fol 30 tal-process tad-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali relattiv ghall-beneficcju ghall-korriment li minnu jirrizulta li kien sfronda bir-rikorrent parti mill-passagg u li r-rikorrent safa korrut fid-dar u s-sinsla ta' daru.

***C2. Negligenza***
Huwa principju ben akkolt fil-gurisprudenza taghna li "min ifittex ghad-danni jrid jipprova mhux biss l-att jew

ommissjoni kolpuza izda li dak l-istess att jew ommissjoni ghandhom konnessjoni ta' kawza u effett madd-anni sofferti." Vol.XXX p.III. p142 (Ara **Gerald Bugeja vs David Gatt** deciza mill-Qorti tal-Appell deciza fl-20 ta' Ottubru 2003.

Huwa ghalhekk, li jrid jigi stabbilit in-ness guridiku bejn l-att jew ommissjoni tas-socjeta` intimata, u l-incident in kwistjoni. Fil-fatt, fil-kaz odjern, din il-Qorti ser tanalizza dan in vista tal-fatti u provi prodotti. Gie ribadit fil-gurisprudenza nostrana li:
"Il-Qrati Taghna fuq l-iskorta ta' awturi Inglizi eminenti jaghmlu distinzjoni bejn il-prova li jehtieg li ssir f'kawza kriminali u l-prova li ghandha ssir f'kawza civili fis-sens illi filwaqt li f'kawza kriminali, l-htija tal-akkuzat trid tigi ppruvata ***"beyond reasonable doubt,"*** f'kawza civili bizzejjed li jkun hemm ***"moral certainty***", certezza morali f'mohh il-gudikant izda mhux bizzejjed li jkun hemm ***"a mere possibility".***

"Din ic-certezza morali ghandha tigi bbazata fuq fatti ppruvati bi provi espressi u fuq l-inferenzi li naturalment u probabilment jemergu minn dawn il-fatti. Ic-certezza morali rikjesta f'kawzi civili, hija l-effett tal-***"balance of probabilities."*** (Ara **Paul Vassallo et vs Carmelo Pace,** Appell Civili deciza fil-5 ta' Marzu 1986, u **Zammit vs Petrococchino noe.** Deciza fil- 25 ta' Frar 1952).

F'dan il-kuntest, ta min isemmi wkoll li l-artikolu 1033 jiddisponi hekk:
"Kull min bil-hsieb jew minghajr hsieb li jaghmel deni, ghax ikun irid, jew b'nuqqas ta' diligenza, ta' prudenza jew ta' hsieb, jaghmel jew jonqas li jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mil-ligi, hu obbligat ghall-hlas tal-hsara li tigri minhabba f'hekk."

Fil-kaz in ezami, m'hemm l-ebda dubju li jezisti ness guridiku bejn l-att tas-socjeta` intimata u l-incident in kwistjoni.

***<u>C3. Safe system of work</u>***
Il-Kap 16 artikolu 1032 jghid:

(1) Jitqies fi htija kull min fl-ghemil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza, u hsieb ta' missier tajjeb tal-familja.

Ghalhekk il-Qrati taghna dejjem zammew li jezistu tliet elementi biex tirnexxi azzjoni ghal danni.
1 – Il-fatt dannuz illecitu
2 – L-imputabilita` ta' l-istess fatt ghal min ikun ghamlu
3 – Id-dannu kagjunat minn dan l-istess fatt hu doluz jew li jwassal ghal ***culpa*** da parti ta' min ikun ghamlu
**Agius vs Busuttil**, Qorti ta' l-Appell, 14/12/1982 fejn min jinstab responsabbli ghal danni jkollu konnessjoni logika ta' kawza u effett.

L-awtur Taljan Torrente jiddefinixxi l-***culpa*** bhala:
**un' evento si dice colposo quando no e' stato intenzjonalmente procurato ma si e' verificato a causa di negligenza, imprudenza o imperizia, ovvero per inosservanza di leggi, regolamenti, ordini o discipline.**

Minn dak imsemmi hawn fuq jemergi car li min ihaddem ghandu dejjem juza d-diligenza ta' ***bonus pater familias*** inkluz li ghalhekk jipprovdi ***a safe system of work*** ghax altrimenti jkun responsabbli ghal eventwali danni. Huwa certament responsabbli ghal danni min jimpjega b'mod li:

1. Ix-xoghol kien jinvolvi riskju ta' korriment li seta' jkun ragjonevolment previst,
2. Ir-riskju kien il-kawza tal-korriment,
3. Tali riskju seta' gie evitat.

F'dan l-istadju l-Qorti sejra tikkwota minn sentenza taghha kif presjeduta moghtija fid-19 ta' Gunju 2007 fl-ismijiet **Armando Caruana vs Filomeno Pace noe** fejn inghad:
"Certament jinkombi fuq l-***employer*** li jipprovdi ***a safe system of work*** ghall-impjegati tieghu, kemm jekk ix-xoghol isir f'fabbrika kif ukoll jekk il-haddiema jintbaghatu jahdmu barra mill-fabbrika. Xoghol barra mill-fabbrika xorta wahda ghandu jkun ***safe system of work*** u dan japplika mill-bidu nett sal-ahhar nett li jkun qieghed isir ix-xoghol. Huwa d-dover ta' min ihaddem li qabel ma jibghat

il-haddiema tieghu fuq il-lant tax-xoghol jivverifika li l-kundizzjonijiet huma ***safe*** u minghajr riskji ghall-haddiema tieghu. Ghalhekk huwa d-dover ta' min ihaddem li jispezzjona l-post tax-xoghol u jevalwa r-riskji involuti u li ma jkunx hemm periklu ghall-haddiema. Taht kull cirkostanzi l-haddiem m'ghandux jigi mqieghed fil-periklu bla bzonn.

Kif tajjeb osservat l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza **Bugeja vs Montanaro Gauci**, deciza fl-14 ta` Mejju, 2004:
"huwa daqstant importanti fil-kuntest ta` responsabbilita` li l-ambjent kollu fejn jahdmu l-impjegati jkun tali li jwarrab l-ickenn possibilita` ta` infortunji fuq ix-xoghol. Dan l-obbligu huwa generalment rikonoxxut bhala dmir tal-***employer*** li jipprovdi '***a safe place of work***'"

L-istess principju nsibuh fil-kawza **Gauci vs Korporazzjoni Enemalta,** deciza fl-10 ta` Ottubru, 2006 fejn inghad:
"qabel ma jintbaghat haddiem jahdem fuq sit, minn ihaddem ghandu obbligu "li taghmel ezami jew spezzjoni semplici sabiex tara min qabel li l-post u l-ambjent fejn ikun ser isir ix-xoghol huwa wiehed ***safe***"."

Kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fl-20 ta' April 2007, Imhallef Dr. T. Mallia, fil-kawza fl-ismijiet **Mayer Scicluna vs T.N. Waterproofing Limited**:
"Din il-Qorti, diversi drabi wkoll sahhet fuq il-htiega ta` supervizzjoni ("Agius vs All Services Ltd", deciza minn din il-Qorti fit-2 ta` Gunju, 2005), u f`dan il-kaz dan kien mehtieg mhux biss biex jigi assikurat li l-lant tax-xoghol kien ***safe*****,** izda biex jassigura wkoll li l-haddiema juzaw l-appart kollu fornit lilhom."

Ukoll issir referenza ghall-kawza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Attard**, deciza fit-2 ta` Settembru, 1999 fejn intqal:
"min ihaddem mhux biss ghandu jara li jkun hemm ***available*** apparat ta` ***safety*****,** izda ghandu jinsisti mal-***foreman*** li ma jsirx xoghol minghajr l-uzu tal-apparat, u jara li din l-ordni tigi segwita."

Fil-kawza fl-ismijiet **Grezzju Scicluna vs C. Cini & Sons Limited**, deciza fis-27 ta' Lulju 2006, Imhallef Dr. Tonio Mallia, il-Qorti ccitat l-awtur Whincup mill-ktieb ***Modern Employment Law*** li jelenka erba' principji bazici. Dawn huma:
i. *the employer must ensure that the employee knows the dangers,*
ii. *the employer must ensure that the employee konws the precautions to be taken against these dangers,*
iii. *the employer must ensure that the precautions are available,*
*the employer must ensure that the employee knows these precautions are available.*

F'dan l-istadju l-Qorti qed tirreferi ghal sentenza ohra moghtija minn din il-Qorti presjeduta mill-Onor. Imhallef Dr. Joseph Azzopardi fit-13 ta' Gunju 2007 fl-ismijiet **Anna Micallef et vs Allchem Limited et** u tikkwota parti mis-sentenza taghha fejn ghamlet referenza ghal diversi sentenzi.

"Din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **D'Anastasi vs Enemalta Corporation** deciza fit-28 ta' Gunju, 2005 qalet;

Illum it-tendenza ricenti tal-Qrati taghna, issa msahha ukoll minn legislazzjoni iktar moderna u konsonanti maz-zminijiet hija li hemm kwazi presunzjoni illi incident industrijali jigri ghax ma kienx hemm a safe system of work.

Huwa facli ghal dak li jipprovdi x-xoghol illi jwahhal fl-impjegat ghax uza ghodda mhux koperti minn apparat ta' sigura izda fuq kollox l-impjegat ikun qed jahdem ghall-ahjar ta' min jaghtih ix-xoghol u minflok ma jgerger u jilmenta mill-ghodda ikun medd idejh ghax-xoghol. Ma hux sew fil-fehma tal-Qorti li wiehed jattribwixxi xi tort lill-attur u nghidulu li kien ahjar li hasel idejh.

Kif irriteniet ukoll din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Schembri vs Caruana nomine** deciza fit-12 ta' Jannar, 1983, ***employer*** illi jkun jaf li fil-makkinarju tieghu hemm perikolu

u ma jiehu ebda passi biex jirrimedja ghal dan jesponi ruhu ghall-konsegwenzi legali li johorgu minn dan l-***employer*** (ghandu jahseb) illi jippjana sew ix-xoghol u jikkunsidra l-fatt li l-istess haddiema gieli jittraskuraw ir-riskji involuti fix-xoghol taghhom ta' kull jum.

Kif ukoll qalet l-istess Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Kevin Mallia vs Alf Mizzi and Sons Limited** deciza fid-9 ta' Ottubru, 2003 min ihaddem ghandu d-dover li jipprovdi post tax-xoghol li ma jkunx ta' periklu u riskju ghas-sahha ta' l-istess haddiem (ara **Bugeja vs Falzon** deciza minn din il-Qorti fit-30 ta' April, 1997 u **Desira vs Grech and Co. Ltd.** deciza fit-30 ta' Mejju, 2002)."

Il-Qorti tixtieq tirrimarka dwar differenzi fil-kaz citat ta' Micallef et vs Allcehm Limited et fis-sens li f'dik il-kawza l-Qorti kellha quddiemha kaz ta' makkinarju ftit sofistikat ossija ***forklifter*** li forsi kien jirrikjedi li min ihaddem tali ingenji jkun qabel attenda ghal xi korsijiet biex ihaddem l-istess.  Kien hemm ukoll f'dak il-kaz l-obbligu tas-supervizjoni li ***forklifter*** ma tintuzax biex jigu alzati nies izda oggetti.  Fil-kaz in ezami ghandna kaz ta' kif tahdem forci.  Il-kaz ta' Mayer Scicluna kontra TN Waterproofing Limited jirreferixxi aktar ghas-sigurta` fuq il-post fejn qed isir ix-xoghol ghax f'dak il-kaz l-incident gara wara li spicca x-xoghol u l-haddiem koncernat ossija l-attur f'dak il-kaz waqt li kien qed jerfa cilindru tal-gass rifes ***guilder*** ossija tavla tal-bennejja u zelaq.  Il-kaz in ezami huwa differenti ghax la jirreferixxi ghal xi aspett fejn inholoq periklu minhabba l-istat ta' affarijiet fil-lok ta' fejn qed isir ix-xoghol u anqas jirreferixxi ghal xi ingenji li jehtiegu xi kapacita` specjali ta' kif thaddem l-ingenji koncernati.  Fil-kaz in ezami hemm l-uzu ta' forci."

Certament li fil-kaz in ezami ma kienx hemm is-*safe system of work* ghax ma jirrizultax li l-post tax-xoghol (vapur) kien gie ezaminat minn qabel minn xi ufficjali inkarigati ghal dan l-iskop u l-fatt tal-pjanca immermra mizbugha kienet proprju l-kawza ta' l-incident *de quo*. Minhabba dan hemm ir-responsabbilta` tas-socjeta` intimata li kienet inkarigat lir-rikorrent jaghmel ix-xoghol

izda li ma kenitx hadet hsieb taghmel il-verifiki necessarji dwar li l-post tax-xoghol ikun sufficjentement *safe*, u ghalhekk tidhol ir-responsabbilta` ta' l-imsemmija socjeta` intimata.

***C4. Damnum emergens***

A bazi ta' l-artikolu 1045 (1) tal-Kap 16 ikun dovut lid-danneggjat it-telf effettiv, ossia ***d-damnum emergens,*** li d-dannegjat isofri b'effett immedjat u dirett ta' l-eghmil sinistru. Irid jigi kumpensat ghal dawk l-ispejjez inkorsi sabiex jigi riprestinat lilu t-telfien ta' xi beni li jkun sofra.

Ir-rikorrent ipprova *loss of earnings* ta' Lm6750 ossija €15,723.27 relattiv ghal zmien li r-rikorrent ghamel nieqes mix-xoghol u dan kif jirrizulta mid-depozizzjoni ta' Stanley Castillo fis-seduta tat-8 ta' Lulju 2008 (ara dokument SC1). Fl-imsemmi dokument Castillo, *Deputy Manager Port Workers*, semma li r-rikorrent huwa *registered port worker* u li dam barra mix-xoghol bejn id-19 ta' Awissu 2004 sas-17 ta' Jannar 2005. Dan semma li meta ma jkunx jista' jidhol ghax-xoghol xi hadd, ix-xoghol tieghu jiehdu *port worker* iehor, b'mod li l-ammont kollu *gross* likien jithallas ir-rikorrent kieku baqa' jidhol ghax-xoghol kien ikun ta' Lm9145 izda li minn dan l-ammont iridu jitnaqqsu l-*gross earnings* ta' *port worker* imwegga li jammontaw ghal Lm2395 b'mod li tirrizulta differenza ta' Lm6750.

***C5. Lucrum cessans***

L-Artikolu 1045(1) tal-Kodici Civili [Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta] jistipula kif ghandhom jitqiesu d-danni:

Il-hsara li l-persuna responsabbli ghandha twiegeb ghaliha, skond id-disposizzjonijiet ta'qabel, hija t-telf effettiv li l-eghmil taghha jkun gieb direttament lill-parti li tbati l-hsara, l-ispejjez li din il-parti setghet kellha taghmel minhabba l-hsara, it-telf tal-paga jew qligh iehor attwali, u t-telf ta' qligh li tbati 'l quddiem minhabba inkapacita` ghal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-eghmil seta' jgib.

Ghalhekk il-qorti ghandha l-obbligu li tezamina t-telf ta' qligh futur minhabba l-inkapacita`, it-telf ta' paga jew qligh

iehor attwali li jinkorri fih id-danneggjat; u dak it-telf ta' qligh futur, ossia ***lucrum cessans,*** li d-danneggjat jkun prekluz li juzufruwixxi minnu minhabba l-event sinistru kawza tal-eghmil dirett tad-danneggjant.

Ta min isemmi li d-dhul tar-rikorrent ghas-sena 2003 (Dok SE1) kien ta' €51,234.65 (Lm21,995).

***C5a. Multiplier***

Fis-sentenza ta' din il-Qorti kif presjeduta ta' l-10 ta' Mejju, 2005 fl-ismijiet **John u Laura konjugi Ransley vs Edward u Lydia konjugi Restall** - Citazz. Nru: 154/02FS inghad:

“Hawnhekk ghandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta' likwidazzjoni tad-danni kien ghal zmien twil ibbazat fuq il-principji enuncjati fil-kawza **Butler vs Heard** deciza mill-Qorti tal-Appell Civili Superjuri fit-22 ta' Dicembru, 1967. F'dik il-kawza intqal li fid-determinazzjoni tal-multiplier wiehed irid jiehu in kunsiderazzjoni c-"chances and changes of life", b'mod li dan il-multiplier ma jwassalx lid-danneggjat li jiehu kumpens daqs li kieku baqa' jahdem sad-data li jirtira, izda l-figura tigi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittiehed in kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna ddanneggjata setghet, fil-kors normali tal-hajja taghha, ma waslitx qawwija u shiha sa l-eta' tal-pensjoni.

Izda l-figura uzata ghall-iskop tal-Multiplier mhux dejjem inghatat l-istess tifsira, u lanqas ma dejjem gew uzati l-istess principji. Dan kien wassal biex il-Qorti tal-Kummerc fil-kawza Lambert vs Buttigieg deciza fit-18 ta' April, 1963 kienet qalet:

"f'din il-materja ta' lucrum cessans il-Qorti ghandha tipprocedi b'kawtela kbira peress li l-qliegh hu haga ta' possibilta' u mhux ta' certezza u jkun jista' jonqos minn mument ghall-iehor anke ghal kwalunkwe kawza materjali bhal mewt jew mard tad-danneggjat."

Fil-kawza fl-ismijiet **Darren Sammut vs Eric Zammit** deciza mill-Onor Qorti tal-Appell Civili Superjuri fit-3 ta' Dicembru, 2004 intqal:

“Din il-Qorti hasbet fit-tul dwar din il-kwistjoni u jidhrilha li l-'multiplier' adottat mill-Qorti ta' l-ewwel grad huwa piuttost

eccessiv. Dan ghaliex fis-sistema generalment applikata f'kawzi ghar-rizarciment ta' danni l-ligi ma tghid xejn, ghal anqas kif inhi fil-prezent, dwar il-perjodu li ghandu jigi applikat ghal fini tal-'multiplier' u anqas u anqas ma tghid xejn dwar il-hajja lavorattiva tad-danneggat. Il-provvedimenti tal-Kodici Civili li jirrregolaw il-mod kif ghandhom jitqiesu d-danni jitkellmu b'mod specifiku dwar telf effettiv, konsistenti fi spejjes inkorsi minhabba l-hsara kagunata u it-telf ta' paga jew qligh iehor attwali. Dwar dawn il-Qorti ma ghandha ebda diskrezzjoni u ghandhom jigu rizarciti *in toto*. Izda fir-rigward ta' telf ta' qligh li dik il-persuna tbati 'l quddiem minhabba inkapacita` ghal dejjem, totali jew parzjali, is-subartikolu (2) tal-Artikolu 1045 tal-Kap 16 jiddisponi li "Is-somma li ghandha tigi moghtija ghal din l-inkapacita` tigi stabbilita mill-Qorti, wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz, u, b'mod partikolari, ix-xorta u l-grad ta' inkapacita`, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-hsara.

Hawn ghalhekk naraw element diskrezzjonali li qed jinghata lill-gudikant. Il-ligi ma tridx li l-kumpens ikun biss rizultat ta' ezercizzju matematiku – ghalkemm tali ezercizzju huwa wiehed siwi u jwassal ghal certa uniformita` fil-likwidazzjoni tad-danni kif effettivament gara wara s-sentenza ta' 'Buttler vs Heard' – b'dana kollu l-gudikant ghandu jzomm quddiem ghajnejh aspett aktar wiesa' tal-problema u fl-ammont li finalment jakkorda bhala danni ghal-telf futur – dawk li fil-gergo huma maghrufa bhala 'lucrum cessans' - jipprova jimprimi sens ta' gustizzja billi mhux biss ihares lejn l-interessi tad-danneggat izda billi wkoll jittiehed in konsiderazzjoni dak li jkun kkawza d-dannu."

Il-multiplier adoperat varja u kien ta' 5 snin fil-kaz ta' persuna ta' 53 sena **Mizzi vs Azzopardi** PA 16-Dic-2004, ta' 15 fil-kaz ta' persuna ta' 22 sena **Butler vs Heard** App Civ Sup 22-Dec-1967, 15 il-sena fuq persuna ta' 24 **Gauci vs Xuereb** PA 29-Ott-1970, ta' 18 fuq persuna ta' 28 sena **Camilleri vs Polidano** PA 1-Ott-1982, ta' 18 fil-kaz ta' persuna ta' 42 **Bonnici vs Gauci** PA 15-Sett-1999, ta' 20 fil-kaz ta' persuna ta' 34 sena **Bugeja vs Agius** App Civ Sup 26-Lul-1991, ta' 20 fil-kaz ta' persuna ta' 33 sena

**Dalmas vs Ghigo** App Civ Sup 5-Frar-1980, ta' 25 fil-kaz ta' persuna ta' 30 sena **Caruana vs Camilleri** App Civ Sup 27-Feb-2004, ta' 26 fil-kaz ta' persuna ta' 35 sena **Seisun vs Brincat** PA 29-Ott-1998, ta' 30 fil-kaz ta' persuna ta' 17 **Turner vs Agius** App Civ Sup 28-Nov-2003, ta' 30 fil-kaz ta' persuna ta' 26 **Grima vs Penza** PA 30-Gun-2004, ta' 30 fil-kaz ta' persuna ta' 23 sena **Zammit vs Zahra** PA 20-Jan-2005, ta' 35 fil-kaz ta' persuna ta' 18 sena **Sammut vs Zammit** App Civ Sup 3-Dic-2004, ta' 36 fil-kaz ta' persuna ta' 20 sena **Mizzi vs Azzopardi** PA 16-Dic-2004.

Dan kollu juri li mhux dejjem ittiehdet l-istess linja ta' Multiplier. Zgur li ripetutament gie enfasizzat li s-sistema ta' multiplier kif koncepita ma tiehux in konsiderazzjoni l-aspettattiva tal-hajja lavorattiva fit-totalita' taghha [ara **Bugeja vs Agius** fuq imsemmija].

Ir-rikorrent twieled fit-23 ta' Mejju 1961 u ghalhekk meta sehh l-incident f'Awissu 2004 kellu 43 sena. Wara li l-Qorti qieset dawn il-fatturi, inkluz l-eta` tar-rikorrent meta sar l-incident – 43, tqis li ghandha tadopera ***multiplier*** ta' 15 ghall-kaz in ezami (u dana minhabba li dwar *life expectancy* ma hemm ebda garanzija li persuna ser tilhaq l-eta` ta' 60 sena).

***D5b. Paga u gholi tal-hajja***

Spiss li l-Qrati uzaw il-paga minima fejn ma kienx facli li l-Qorti tasal biex tistabbilixxi xi figura ohra. Izda fil-kaz in ezami ghandna l-attur li kien qieghed jaqla' salarju ***gross average*** ta' €51,234.65 fis-sena. Normalment il-paga minima nazzjonali titla' b'€4.66 fil-gimgha kull sena. Dan ifisser li kull sena il-paga kienet ser tizdied b'€242 ghal 15-il sena [u jekk wiehed jiehu l-medja, dan ifisser il-medja tas-salarju prezenti (€51,235) u dak ta' l-ahhar salarju fil-futur (€242 x 15 = €3630) (€3630 + €51,235 = €54,865) ossia €51,235 + €54,865 /2 = €53,050. Dan oltre l-awment ta' l-gholi tal-hajja li spiss jissupera ferm aktar l-awment tal-paga.

***C5c. Dizabilita`***

Mir-rapport mediku ta' Dr. Anthony Zrinzo [a fol 3, 4 u 5 tal-process] jirrizulta li d-dizabilita` prezenti tar-rikorrent hija ta' 10%.

***C5d. Lump Sum Payment***

L-ammont dovut ikun irid jitnaqqas minhabba l-***lump sum payment*** b'ammont ekwivalenti ghal 20% meta jkunu ghadda zmien qasir mill-event damnuz u s-sentenza finali [**Scicluna vs Meilaq** PA 16 ta' Lulju, 2001]. Fil-kawza **Caruana vs Camilleri** PA 5 ta' Ottubru, 1993 il-Qorti hasset li minn dan ghandu jonqos xi 2% ghal kull sena ta' dewmien. Gie wkoll propost li m'ghandux awtomatikament jitnaqqas skond kemm iddum il-kawza: "jekk id-danneggant ma jkollux htija fid-dewmien tal-kawza, m'ghandux ikun hemm tnaqqis fil-***lump sum deduction***" – **Agius vs Fenech** 29 ta' Ottubru, 2003.

Fil-kawza **Mizzi vs Azzopardi** PA 16-Dic-2004 is-somma giet ridotta bi 18% ghax kienu ghaddew tliet snin, waqt li fil-kawzi **Spiteri vs Zammit Tabona** App Civ Sup 16-Mar-1999 u **Caruana A vs Camilleri O** App Civ Sup 27-Frar-2004, minhabba li ghaddew 8 snin tnaqqas b'10%. 10% gie imnaqqas ukoll fil-kawza **Galea vs Piscopo** PA 3-OTT-2003, 5% f'**Scicluna vs Meilaq** PA 16-Lul-2001 u 0% fil-kawzi **Turner vs Agius** App Civ Sup 28-Nov-2003, **Bonnici vs Gauci** PA 15-Sett-1999 meta ghaddew 15-il sena, f'**Zammit vs Zahra** PA 20-Jan-2005 meta ghaddew 17-il sena, u **Schembri vs Caruana** Kum 20-Apr-1990 meta ghaddew 19-il sena.

Izda ghal kaz in ezami din ma tantx hi problema ghax l-incident gara fid-19 ta' Awissu 2004 u s-sentenza qedgha tinghata erba' snin wara. Fil-fehma tal-Qorti jrid ikun hemm tnaqqis ta' 17%.

***C5e. Kunsiderazzjonijiet ohra***

Kunsiderazzjonijiet ohra ta' dan it-tip ta' kawzi bhal kuncett tal-konsum personali, u tad-***dependency issue*** ma humiex applikabbli ghal dan il-kaz.

***C5f. Likwidazzjoni ta' l-ammont ta' lucrum cessans***

Ghalhekk il-Qorti trid issa tillikwida l-ammont dovut.

I. Il-gliegh medju annwali tar-rikorent inkluz l-gholi tal-hajja jammonta ghal €54,865;
II. jrid jitqies ***multiplier*** ta' 15. Dan igib l-ammont ta' €822,975;
III. il-Qorti trid tqis il-grad ta' disabilita` li f'dan il-kaz hu ta' 10% u ghalhekk jammonta ghal ossia €82,298;
IV. wara jrid jitnaqqas 17% tal-*lump sum payment* u dan iwassal ghal €68,308;

**D. KONKLUZJONIJIET:**

Ir-rikorrent wara li talab id-dikjarazzjoni li s-socjeta` intimata hi responsabbli ghall-incident li fih safa korrut fid-19 ta' Awissu 2004 fil-Freeport Terminal 1, Kalafrana abbord il-vapur M.V. "TAMA", talab il-likwidazzjoni tad-danni sofferti minnu minhabba dan l-incident u l-korriment konsegwenzjali, u l-kundanna lis-socjeta` intimata biex thallsu d-danni kollha hekk likwidati.

Wara li ezaminat il-fattispeci kollha tal-kaz, il-Qorti tiddikjara lis-socjeta` intimata responsabbli ghall-incident *de quo*. Taghmel referenza ghal dak imsemmi fil-paragrafu C5f, u tillikwida l-ammont fis-somma ta' €68,308 u tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas lir-rikorrent l-imsemmi ammont ta' €68,308.

Spejjez kontra s-socjeta` intimata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------